

IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

# STEJJER MILL-KOTBA MQADDSA

## ANTIK TESTMENT

## NOE' IL-BNIEDEM T'ALLA.



Il-bnedmin kotru fuq l-art u Alla ra li l-bniedem kien qed jghix hajja hazina. L-art kienet mimlija vjolenza; nies kienu jitqatlu ma' xulxin u warrbu ghal kollox il-ligi t'Alla. Imma qalb dan il-hazen kollu kien hemm familja li baqghet thares dak li ried Alla u dan ghogob hafna lil Hallieq Divin. Din kienet il-familja ta' Noe li kellu mara, it-tlett uliedu u nisa taghhom jghixu flimkien f'ghaqda ta' imhabba bejnithom. Alla kien inkurlat hafna bl-imgieba tal-bniedem u jum wiehed kellem lil Noe'.



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

"Il-hazen kiber fuq l-art u jiena ser neqred lil kulhadd hlief lilek u l-familja tieghek ghax sibt li inti bniedem ghal qalbi tghix hajja tajba tobdi l-ligii tieghi. Ibni arka ta' l-injam b'bieb kbir fuq naha wahda. Jiena nitfa' xita' kbira li tgharraq kullimkien u ebda bniedem ma jkun jista' jsalva.

Inti u l-familja tieghek tidhol fl-arka flimkien ma' par annimali hajjin. Aghmel kif ordnajtlek u inti issalva."

Noe' kien leali lejn Alla, u jobdi minghajr ma jaghmel mistoqsijiet. Bil-ghajnuna tat-tlett uliedu huwa bena l-ark fuq l-qisien li kkmandalu Alla. L-arka hadet hafna zmien biex timbena, li matulu n-nies dahqu bih u ghaddewh bhala mignun.

"Ghalfejn qed tibni dik l-arka hekk kbira, ja nofs mohh," Kienu jghidulu, "Bilfors li inti mignun."

Minkejja li kienu jirridikulawh huwa kien jimxi fuq dak li amarlu Alla, sakemm jum wiehed huwa spiccaha.

U Alla kellem ghal darb'ohra li Noe u qallu: " Inti bniedem ghal qalbi. Issa ahzen hafna ikel ghalik u ghall-familja tieghek u ghal dawk l-annimali li ser jghixu gewwa l-arka mieghek. Issa ser
nibghat xita ghal erbghin jum u erbghin lejl u dak kollu li jibqa' fuq l-art wara li inti titla' fl-arka, jinqered u jmut."

Meta l-annimali dahlu fl-arka, Noe u l-familja tieghu telghu fuqha u ghalaq il-bieb. U malli ghamel hekk, bdiet niezla xita qawwija fuq l-art. U jum wara l-iehor l-art tbdiet tfur bl-ilma u teghreq bil-mod il-mod.

L-ilmijiet telghu u gholew aktar mis-soqfa tad-djar u n-nies bezghana harbet lejn l-gholjiet u l-muntanji. Dawn kienu l-istess nies li dahqu b'Noe'. Bdew jitolbu hniena u mahfra izda issa kien tard wisq. L_ilmijiet issa lahqu ukoll il-muntanji u ghattew il-qcacet taghhom u kull minn ipprova jsib kenn fuqhom ghereq u miet. Ebda sinjal ta' hajja ma baqa' fuq l-art.



## IL-BIBBJA – IL-KELMA T'ALLA GHALIK

Warfa erbghin jum ix-xita waqfet u l-ilmijiet bdew nizlin bil-mod il-mod.  Jum wiehed instema' hoss kbir that l-arka qisu habet ma' xi muntanja.  Deher li l-



arka waqfet fuq il-quccata ta' muntanja.  Imma Noe kienu ghadu jara ilmijiet ma' kullimkien.  Noe' flimkien mal-familja tieghu talab biex l-ilma jinxef u tidher l-art. Sakemm fl-ahhar baghat tajra.

Dan ghamlu bit-tama li din it-tajra ggiblu xi xinjali ta' hajja li kien hemm fl-art wara li l-ilmijiet jinzlu. Imma din it-tajra ma gabet ebda sinjal.  Hekk rega' ghamel wara xi zmien imam kollox kien jidher li baqa' fejn kien. Ghaddew hafna jiem u l-familja ta' Noe bdiet





tinkwieta'. Imma Noe' kien jghidilhom biex jafdaw f'Alla. Hu qatt ma telaqhom jew insiejhom. Wara gimgha ohra huwa baghat tajra ohra u din id-darba gabitlu ahbar sabiha.

Go munqarha kellha werqa zebbuga. Hawn Noe' induna li l-ilmijiet kienu qed jinzlu u l-art kienet nixfet.

Noe' fetah il-bibien ta' l-arka u l-annimali hargu biex kull wiehed jmur lejn triqtu u mill-gdid joktru fuq l-art.

Kien imiss issa li Noe u l-familja tieghu johorgu mill-arka. L-ewwel haga li ghamel kien li jibni artal u joffri sagrificcju ta' radd il-hajr. Alla ha pjacir wisq b'dan l-att ta' ringrazzjament u qallu: Noe Jiena naghtik il-kelma tieghi li qatt izjed ma neqred l-art bl-gharghar u bhala sinjal ta' kelmti ghaz-zmien kollu ara hares lejn is-sema u ghandek tara l-qawsalla."

Noe u uliedu harsu lejn is-smewwiet u hemm lemhu qawsalla sabiha hafna, is-sinjal tal-weghda t'Alla lill-bniedem.

Wiegeb dawn il-mistoqsijiet:

1. Fejn tara li Alla huwa gust?
2. Kemm damet niezla x-xita fuq l-art?
3. X'ghamel Noe biex jaccerta ruhu li huma jistghu jinzlu fuq l-art?
4. X'jigri mill-bniedem il-hazin?
5. X'ghamel Noe' malli rifes fuq l-art niexfa?